MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 96/2009

Kawza fil-lista: 24

**A B**
**vs**
**C sive D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet tkissret irrimedjabilment, u minkejja li l-partijiet ghamlu l-medjazzjoni ma waslux ghall-kuntratt. Il-partijiet pero' jaqblu li ghandhom jisseparaw, u l-unika problema kien fuq il-qsim tal-komunjoni. Sussegwentement il-partijiet qablu li d-dar tinbiegh u li r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet, wara li jinqata' kull dejn li hemm fuq l-istess fond.

2. Illi miz-zwieg hemm zewgt itfal li l-esponenti jaccetta li ghandu jmantni, skond il-ligi.

3. Illi stante li ma kienx possibli li jibqghu jsiru trattativi fuq kull punt, kellha ssir din il-kawza.

Peress li l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibli u dan ghal ragunijiet li z-zwieg tkisser irrimedjabilment ; u l-partijiet ghamlu l-proceduri tal-medjazzjoni inutilment ;

Peress li ghalhekk kellha tigi adita din l-Onorabbli Qorti halli tigi dikjarata gudizjalment is-separazzjoni bejniethom u jsiru t-talbiet konsegwenzjali ghall-istess separazzjoni personali ;

Peress ukoll li miz-zwieg hemm zewg ulied, Janika u Amanda, li waslu f’ eta’ li dalwaqt ikunu maggorenni.

Peress li l-partijiet ftehmu li d-dar konjugali ghandha tinbiegh lil terzi, peress li hadd minnhom mhu f’ qaghda li jista’ jzommha u jakkwista s-sehem tal-parti l-ohra.

Ghaldaqstant jintalab umilment li din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja, u moghti kull provvediment opportun,

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontedenti u dan ghar-ragunijiet li z-zwieg tkisser irrimedjabilment.

2. Tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, (bl-eskluzjoni tal-immobbli stante li hemm talba specifika) u taqsam u tassenja l-istess komunjoni skond il-ligi, wara li kull parti tinghata dak li hu parafernali taghha ;

3. Dwar id-dar konjugali, Chez Moi, Triq is-Sikka, Bahar ic-Caghaq , tordna li din titqieghed fis-suq, taht estate agency li tinnomina din il-Onorabbli Qorti, u li r-rikavat, wara li jitnaqqas kull dejn u piz li hemm fuqha, jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

4. Dwar il-manteniment, tiddikjara li mhux dovut stante li l-konvenuta ghandha l-introjtu taghha.

5. Dwar kura u kustodja tal-minuri tafdaha lill-konvenuta, bil-modalitajiet tal-access ta' l-attur li jigi stabbilit ;

6. Dwar l-alimenti ghall-minuri tiffissa dik is-somma li ghaliha jkun responsabbli l-attur.

7. Dwar id-dritt successorji tiddikjara l-partijiet dekaduti.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-parti konvenuta.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta rrispondiet hekk :

1. Illi l-eccipjenti qed taqbel mal-ewwel talba tal-attur rikorrenti illi ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, izda dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-attur rikorrenti, senjatament minhabba adulterju kommess mill-istess attur rikorrenti, u in subsidium peress li z-zwieg tkisser irrimedjabilment, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi l-eccipjenti qed taqbel mat-tieni talba kontenuta fir-rikors guramentat promotur in kwantu talab il-likwidazzjoni u xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, izda d-divizjoni tal-komunjoni ghandha ssir wara li jigu applikati kontra l-attur rikorrenti s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi l-eccipjenti qed taqbel ukoll mat-tielet talba tal-attur rikorrenti, u l-eccipjenti ssostni illi m' ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din l-istanza, stante illi l-esponenti dejjem accettat illi jinbiegh il-fond matrimonjali, u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega illi jigu ntavolati l-proceduri odjerni.

4. Illi l-eccipjenti qed taqbel mar-raba' talba tal-attur rikorrenti.

5. Illi l-eccipjenti qed taqbel ukoll mal-hames talba tal-attur rikorrenti, u cioe' illi tigi fdata l-kura u l-kustodja ta' bint il-partijiet, u cioe' Amanda B.

6. Illi l-eccipjenti qed taqbel mas-sitt talba tal-attur rikorrenti, u cioe' illi l-istess attur ghandu jivversa manteniment ghal binthom minuri.

7. Illi fid-dawl tas-suespost, l-esponenti terga' ssostni illi hi m' ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-kawza, stante illi hi mill-bidu accettat illi s-separazzjoni personali tigi konkluza bonarjament, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat il-verbal maghmul fl-udjenza tal-11 Novembru 2009 ;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fis-19 Novembru 2009 ;

Rat in-nota kongunta prezentata fl-20 Novembru 2009 ;

Rat l-atti kollha tal-kawza ;

Semghet lid-difensuri u l-partjjiet ;

Ikkunsidrat ;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma' martu l-konvenuta peress li z-zwieg ta' bejniethom tkisser irremedjabbilment ; kif ukoll sabiex din il-qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Illi l-partijiet izzewwgu fl-20 ta' Settembru 1985 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt-it tfal Janika u Amanda li twieldu rispettivament fit-23 ta' Settembru 1989 u fit-22 ta' Dicembru 1991.

Illi jirrizulta pacifiku li bejn il-partijiet sehhew fatti li rrendu mpossibbli l-hajja konjugali, u li ghal dawn ir-ragunijiet iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

Illi fil-mori tal-kawza l-partijiet qabblu fuq diversi aspetti dwar l-effetti konsegwenzjali, u li din il-qorti ser taddotta fil-gudizzju odjern.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi kif qabblu l-partijiet, il-Qorti tordna li d-dar matrimonjali bl-isem 'Chez Moi' Triq is-Sikka, Bahar ic-Caghaq tigi stmata minn perit jew estate agent konkordat bejn il-partijiet, u sussegwentement tinbigh fuq is-suq hieles fi zmien 3 snin u wara dan il-perjodu tinbiegh skond il-ligi ghal prezz ta' mhux anqas minn dak stabbilit mill-perit jew estate agent ; u l-prezz, wara li jithallsu id-dejn u l-pizijiet li jaggravaw l-istess fond, jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Kif maqbul bejn il-partijiet :

[a] il-konvenuta qed tinghata d-dritt li, flimkien mat-tfal biss, hija tibqa' tghix fl-imsemmi fond sakemm jinbiegh izda thallas l-ispejjez kollha ta' l-utilitajiet tad-dar ;

[b] l-attur ghandu jkompli jaffettwa l-pagamenti tal-home loan sakemm jinbiegh l-imsemmi fond ;

[c] l-ghamara kollha, formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti, u ezistenti fl-imsemmi fond qed tigi assenjata fl-intier taghha in piena proprjeta' lill-konvenuta, hlief ghal dawk l-oggetti li jkunu mwahhlin fil-post, inkluz l-kcina ;

[d] li l-vettura ABM 449 Chevrolet qed tigi assenjata fl-intier taghha lill-konvenuta, filwaqt li l-mutur u l-van qed jigu assenjati fl-intier taghhom lill-attur ; dawn il-vetturi diga jinsabu fil-pussess rispettivi tal-partijiet ;

[e] li l-partijiet qed jirrinunzjaw reciprokament ghal kull dritt ta' manteniment spettanti lilhom skond il-ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi :

[1] tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet peress li z-zwieg tkisser irremedjabbilment ;

[2] tilqa' it-tieni u t-tielet talba fis-sens li tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti fit-termini u kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata "Komunjoni ta' l-akkwisti";

[3] tilqa' ir-raba talba, stante li z-zewg partijiet irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt li jitlolbu manteniment minghand xulxin ;

[4] tilqa' il-hames talba, u tafda l-kura u kustodja tal-minuri Amanda lill-konvenuta, bid-dritt ta' access liberu u konkordat mal-minuri favur il-missier ;

[5] tilqa' is-sitt talba u tordna li l-attur jhallas lill-konvenuta bhala manteniment ghat-tfal minuri s-somma ta' €50 fil-gimgha ghat-tifla Amanda sakemm din issir maggjorenni;

[6] Tilqa' s-seba' talba kif miftiehem bejn il-partijiet ;

L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu kollha a kariku ta' l-attur, skond il-verbal maghmul minnu fl-udjenza tal-11 ta' Novembru 2009.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------